# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

## PAPA LJUN X





Giovanni de Medici kien il-papa li l-kullegg tal-kardinali ghazlu biex jiehu post Gulju II. Twieled gewwa Firenze fil-11 ta' Dicembru 1475 u kien destinat sa minn twelidu biex ikun bniedem tal-knisja. Ta' seba' snin huwa ircieva t-tonsura, beneficcji u favuri kbar. Fuq insistenza ta' missieru, Innocent VIII hatru kardinal-djaknu ghalkemm ma setghax jifforma parti mill-kullegg kardinalizju qabel tlett snin wara. Sa dan it-tant huwa gie moghti edukazzjoni mill-ahjar taht tuturi ta' fama kbira.

Huwa oppona l- ghazla tal-kardinal Borgia bhala papa. Laqa' bil-ferh l-ghazla ta' Gulju II ghall-pontifikat fis-sena 1503. Wara l-mewt ta' Gulju II il-konklavi tefa' ghajnejh fuq de Medici u ghazlu papa. Kien ordnat sacerdot fil-15 ta' Marzu, konsagrat isqof fis-17 ta' l-istess xahar u tela' fuq it-tron ta' Pietru fid-19 ta' Marzu u ha l-isem ta' Ljun X. Ma jidhirx li kien hemm is-simonija fil-konklavi fuq l-ghazla ta' de Medici u r-Rumani laqghu bil-ferha din l-ghazla ghaliex kien bniedem li jifhem, jaghder, tajjeb, u jhobb il-paci.

Sab ma' wiccu bosta problemi. Kellu jippreserva r-rebhiet tal-papiet ta' qablu u jnaqqas l-influwenza barranija, kienet minn fejn kienet gejja. Ried iqieghed is-sisien tal-knisja franciza fuq pediment ta' ghaqda u xtaq igib fi tmiemu l-Koncilju Lateran V. Ried ukoll iwaqqaf l-invazjoni torka. Is-sitwazzjoni politika dejjem kienet timbidel minn jum ghal iehor. Gwerra kienet tieqaf u ohra kienet tibda . Il-koncilju tal-Lateran kien riesaq lejn tmiemu u l-Papa rratifika l-paci mar-re ta' Franza Lwigi XII u giet konkluza x-xizma ta' Pisa. Meta l-koncilju kien qed jippjana krucjata u jahseb fir-riforma tal-kleru, faqqet krizi ohra bejn il-papa u r-re ta' Franza, Frangisku I li lahaq flok Lwigi XII. L-intricci politici flimkien mal-glied u gwerrer aktar kienu ta' tfixkil milli ta' ghaqda u gabra.

Il-papa kien kburi bil-familja tieghu u sa mill-bidu nett ipprattika n-nepotizmu. Ghamel minn kuginuh Gulju, li aktar tard sar il-Papa Klement VII, l-izjed bniedem influwenti fil-kurja rumana, innominah arcisqof ta' Firenze, kardinal u vici kancillier tas-Sante Sede.  Huwa ta t-tmexxija  ta' Firenze lin-neputih Lorenzo; ghal huh iz-zghir Guljanu, huwa kellu pjanijiet ohra, imma l-mewt tieghu gaghlet lill Ljun X biex jittrasferixxi l-ambizzjonijiet tieghu fuq Lorenzo.

Filwaqt li l-paci sehhet bejn Franza, Spanja, Venezja u l-Imperu deher li ser joffri weghda ta' ghaqda bejn l-insara kontra t-torok,  Ljun X kien qed jipprepara progett minghajr ebda skruplu, precizament bhalma kien jaghmel Cesare Borgia. Iddobba 150,000 dukat biex ikopri l-ispejjes ta' l-ispedizzjoni minghand Neriku VIII ta' l-Ingilterra. Minhabba f'hekk huwa dahal jaghmel parti mill-lega imperjali ta' Spanja u l-Ingilterra kontra Franza.  Il-gwerra damet minn Frar sa Settembru 1517. Il-vittorja spiccat favur Lorenzo. Il-politika ta' Ljun X f'dawn iz-zminijiet qajmet mill-gdid is-serq u l-anarkija fl-istati papali, fixklet l-krucjata u tefghet f'telf kbir il-finanzi papali.

Il-kullegg tal-kardinali sar kullegg  mundan. Hafna mill-membri ikkumplottaw kontra tieghu u ried jaghti ezempju bihom. Huwa ta l-mewt lil wiehed minnhom u tefa' l-habs lil hafna

minnhom. Ha l- okazzjoni biex jaghmel bidla radikali fil-kullegg. Fit- 3 ta' Lulju 1517 huwa ippublika l-ismijiet ta' 31 kardinal. In-numru kien jikkonsisti f'xi uhud li kien jisthoqqilhom izda ohrajn aktar kienu ghazliet politici jew minhabba rabtiet familjari jew biex jimla' bil-flus il-kaxxa ta' Ruma ghall-gwerra kontra Urbino.

Ljun X hass il-htiega li jwaqqaf l-avvanz ta' Selim I. Ipprova jigbor is-slaten taht kappa wahda biex kulhadd jaghti sehemu. Izda inholoq disgwid kbir u l-pjanijiet ftit li xejn kellhom rizultat. L-Ungerija kkonkludiet ftehim ta' paci ma' Selim I ghal tlett snin izda s-sultan li gie warajh rega' beda' gwerra u hataf taht idejh il-Belgrad. Il-Papa ghalkemm kien fi gwerra ma' Franza baghat 30, 000 dukat lil Ungerizi. Il-pontifikat ta' Ljun X kien imxekkel b'hafna ereziji u xizmi. L-aqwa fosthom kienet dik ta' Luteru. Il-papa kien ikkonceda indulgenzi biex jakkwista flus ghall-bini ta' San Pietru u dan il-fatt qajjem ribelljoni f' Luteru. Huwa wahhal il-famuzi 95 tezi mal-bieb tal-knisja ta' Wittinberg li kienu sinjal ta' rivolta kontra l-knisja. Luteru kiteb lill-Papa fejn tah spejga ta' dawn it-tezi u fis-7 ta' Awissu kien ordnat jidher gewwa Ruma.

Bi ftehim Luteru iltaqa' mal-kardinal Cajetan li kien qed jattendi konvenju organizzat minn Maximiljan biex jigbor il-flus ghall-gwerra kontra t-torok. Imma ebda ftehim ma

ntlahaq. Sena shih ta' negozjar wkoll kienet ghalxejn u l-kitba ta' Luteru bdiet tinxtered mal-Germanja kollha biex tqabbad huggiega kbira kontra l-agir tal-Papa Ljun X. Ljun X imbaghad skomunika lil Luteru meta dan baqa' stinat fl-idejat tieghu. U l-Protestantezmu beda triqtu.

Il-glied u l-gwerrer ma naqsux fost l-imperaturi nsara. Bhal ma jkun hemm f'kull gwerra kien hemm telfiet u kien hemm rebhiet.

Ljun X wera' favuri specjali lejn il-Lhud. Huwa tahom permess li jibnu stamperija gewwa Ruma. Kien taht il-pontifikat tieghu li l-Oratorju ta' l-Imhabba Divina gie imwaqqaf. Dan kien grupp ta' rgiel twajba li waqqfu din l-organizzazzjoni gewwa Ruma, li aktar tard kellha tkun maghrufa bhala t-Teatini. Kien huwa li kkanonizza lil Frangisk minn Paola. Bis-sahha tieghu l-Univerista' Rumana hadet spinta 'l quddiem u bis-sahha tieghu wkoll zdiedu s-salarji tal-professuri u gedded mill-gdid il-fakultajiet kollha taghha; ghalkemm ma lahqitx il-fama ta' Padova jew Bolonja sabet postha fost l-universitajiet l-ohra.

Il-hela, in-nepotizmu, u l-ambizzjonijiet politici tieghu kienu kawza ta' dizastru finanzjarju tant li biex isib fuqhiex isserah rasu u jkompli bil-progamm tieghu huwa biegh in-nomini ta' kardinal, holoq ufficji godda u bieghhom, issellef sommom kbar

ta' flus u biegh l- indulgenzi. Hekk kif kienu jidhlu l-flus, dawn kienu josfru fil-hela. Imbaghad il-papa wasal ukoll biex jirhan l- ghamara tal-palazz, gojjeli u statwi ta' l-appostli. Hafna li sellfuh sfaw rovinati mal-mewt tieghu. Minkejja dan kollu huwa kien jitlob u jsum u jmexxi c-ceremonji tal-knisja bl-akbar skruplu.

Ma lahqux jamministrawlu l-ahhar sagramenti ghaliex Ljun X miet f'daqqa wahda.